**19 ta' Ġunju, 1985**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Grazio Vella

*versus*

Brian K. Mizzi għall-*Industrial Motors Limited* u in rappreżentatnza ta' l-istess

## Azzjoni Redhibitoria - Vizzji Latenti - Danni Subiti - Spejjeż tad-Depożitu - *Jus Superveniens* - Art. 1479 tal-Kodiċi Ċivili

*L-attur wara li ottjena f'ġudikat ieħor ir-rexissjoni ta' bejgħ ta' vettura fuq bażi ta' vizzji latenti aġixxa biex jirkupra danni u spejjeż tad-depożitu.*

*Ma rriżultax lill-Qorti ta' l-Appell li l-konvenut kien jaf bid-difetti tal-ħaġa u għalhekk skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1479 tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut hu obbligat biss li jrodd lura l-prezz u jħallas l-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-bejgħ.*

*Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-Appell kwantu għall-ispejjeż tad-depożitu u rrimettiet l-Atti lill-ewwel Qorti biex jiġi llikwidat il-qantum.*

Il-Qorti: -

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fl-Onorabbli Qorti tal-

Kummerċ li bih l-attur, wara li ppremetta li bi ftehim "*hire purchase*" iddatat 11 ta' Lulju, 1974, l-attur kellu jixtri mingħand il-konvenut *nomine* il-karozza *Hillman Hunter Saloon* li jġib in-numru 15808, illi wara ftit ħarġu sinjali ta' sadid li minħabba fihom u a bażi ta' difetti oħra l-attur talab li jiġi xolt l-imsemmi ftehim, kif ġie deċiż minn dik il-Qorti b'sentenza tat-28 ta' Gunju, 1979, fl-istess ismijiet bħal din (Ċitazz. Nru. 393/78/GS) u li għaddiet in ġudikat, kif jiġi ppruvat mix-xhieda ta' l-attur u bil-kopja uffiċjali tas-sentenza, illi waqt li miexja l-istess kawża l-attur kellu jiddepożita l-istess karrozza b'ċedola ta' depożitu f'dik il-Qorti ddatata 7 ta' April, 1978 u l-attur kellu jħallas l-ispejjeż kollha tad-depożitu kif jirriżulta mix-xhieda ta' l-attur u tal-persuna li żammet għandha l-istess karrozza u ċjoè Philip Grima, u illi waqt li miexja l-kawża l-attur kellu jikri l-karrozza Numru 3748 mingħand *G.B.S. Motors* u barra minn hekk minħabba l-inadempjenza tal-konvenut *nomine* sofra danni oħra speċjalment id-dannu kbir tal-għoli tal-prezzijiet tal-karrozzi minn Lulju, 1974 sa Ġunju, kif jiġi ppruvat bix-xhieda ta' l-attur u tal-konvenut *nomine* stess, talab li (1) l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attur s-somma li tiġi llikwidata bħala l-ammont kollu sburżat mill-attur in konnessjoni mad-depożitu tal-karozza Numbru 15808 fil-mori tal-kawża msemmija u (2) jiġi kkundannat iħallas lill-attur in linja ta' danni l-ammont li jiġi llikwidat in risarċiment ta' l-istess danni sofferti mill-attur in konsegwenza tal-mankat adempiment ta' l-obbligi assunti mill-konvenut *nomine* fl-istess "*Hire Purchase*" *agreement* u ċjoè li jikkonsenja karrozza tajba;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li biha eċċipixxa (1) a rigward ta' l-ewwel domanda illi dak li l-attur seta' ħallas bħala spejjeż tad-depożitu tal-karrozza jifforma parti mid-danni li l-attur sofra u għalhekk hija applikabbli l-eċċezzjoni

li ser tingħata fuq it-tieni domanda u (2) a rigward it-tieni domanda, il-kawżali tad-domandi pretiżi hija l-inadempjenza tal-konvenut peress li biegħ lill-attur karrozza b'difett okkult li minħabba fih l-attur xolja l-komprovendita u taħt dan l-aspett il-konvenut ma jistax jiġi kkundannat iħallas id-danni li seta' talvolta sofra l-attur għaliex il-konvenut *nomine* ma kienx jaf bid-difett li kellha l-karrozza u, fi kwalunkwe każ, m'hemm xejn fiċ-ċitazzjoni, la bħala premessa u lanqas bħala domanda li tintitola lill-attur jagħmel din l-indaġini;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-15 ta' Marzu, 1984 li biha laqgħet l-ewwel talba ta' l-attur u għahekk ikkundannat lill-konvenut *nomine* jħallas lill-attur is-somma ta' mija seba u disgħin lira Maltija (Lm197) somma llikwidata bħala l-ammont kollu sburżat mill-attur in konnessjoni mad-depożitu tal-karozza Numru 15808 fil-mori tal-kawża msemmija fiċ-ċitazzjoni u li biha ċaħdet it-tieni talba ta' l-attur għall-istess raġunijiet imsemmija fir-relazzjoni tal-perit legali, u taħt iċ-ċirkostanzi l-Qorti ordnat li l-ispejjeż jiġu ssopportati skond ir-rebħ u t-telf rispettiv tal-kontendenti, wara li kkunsidrat li -

B'digriet tagħha tat-12 ta' Ottubru, 1981, din il-Qorti nnominat lill-Av. Dr. Paul Pullicino biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attriċi wara li tieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. L-istess perit legali ppreżenta r-relazzjoni tiegħu fl-14 ta' Lulju, 1982 u ġiet debitament maħlufa fit-28 ta' Jannar, 1983;

Wara li l-Qorti eżaminat il-proċess kollu inkluż dak imsemmi fiċ-ċitazzjoni kif ukoll ir-relazzjoni peritali, din il-Qorti waslet għall-istess konklużjonijiet tal-perit u kwindi qiegħda

tadotta l-istess u tagħmilhom tagħha;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur ippreżentata fil-21 ta' Marzu, 1984;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess attur ippreżentata fl-4 ta' April, 1984 li biha, għar-raġunijiet hemm sottomessi, talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ in kwantu ċaħdet it-tieni talba tiegħu, tirriformaha inkwantu laqgħet l-ewwel talba limitatament għad-danni sal-preżentata taċ-ċitazzjoni billi takkoljiha anki għad-danni sofferti sal-mument tas-sentenza u billi wkoll għar-rigward taż-żewġ domandi tirrimetti lura l-proċess għal-likwidazzjoni ulterjuri tad-danni fuq bażi legali korretta kif ukoll tirriformaha fi kwalunkwe każ għar-rigward tal-kap ta' l-ispejjeż billi dan ikun konformi għar-riżultanzi proċesswali, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut *nomine* appellat;

Rat ir-risposta tal-konvenut appellat *nomine* ppreżentata fis-7 ta' Mejju, 1984;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni l-pretensjoni ta' l-attur appellant hija duplici - waħda rigwardanti l-ammont minnu sburżat in konnessjoni mad-depożitu tal-karozza fil-mori tal-kawża l-oħra fuq imsemmija u l-oħra rigwardanti d-danni. L-appell qiegħed jiġi magħmul mill-attur appellant a rigward ta'

dawn iż-żewġ pretensjonijiet. Il-Qorti hi tal-fehma li jkun aktar opportun li fl-ewwel lok teżamina u tasal għall-konklużjonijiet tagħha rigward it-tieni pretensjoni fuq imsemmija u mbagħad tgħaddi għall-ewwel pretensjoni;

Ikkunsidrat:

L-attur appellant qiegħed jitlob il-ħlas tad-danni li hu sofra bħala konsegwenza tal-mankat adempiment ta' l-obbligi assunti mill-konvenut appellant *nomine* fil-*hire-purchase agreement* imsemmi fiċ-ċitazzjoni;

Il-Qorti tosserva, in konnessjoni ma' din it-tieni pretensjoni ta' l-attur appellant, illi l-imsemmi ftehim kien ġie xjolt bis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Ġunju, 1979 fil-kawża l-oħra fejn l-attur appellant kien eżerċita l-azzjoni redibitorja minħabba. Meta bejgħ jiġi xjolt in segwitu għall-azzjoni redibitorja minħabba vizzji latenti, il-liġi tagħmel distinzjoni fl-Artikolu 1479 tal-Kodiċi Ċivili. Jekk il-bejjiegħ kien jaf bid-difetti tal-ħaġa mibjugħa, hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun irċieva iżda wkoll li jħallas id-danni lix-xerrej (subartikolu 1). Jekk il-bejjiegħ ma kienx jaf bid-difetti tal-ħaġa, hu obbligat biss irodd il-prezz u jħallas lix-xerrej l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-bejgħ (subartikolu 2);

Fil-każ preżenti ma jirriżultax lill-Qorti li l-konvenut appellat *nomine* kien jaf bid-difetti tal-ħaġa u għalhekk, skond is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 1479 fuq iċċitat, il-konvenut appellat *nomine* hu obbligat li jrodd biss il-prezz u jħallas l-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-bejgħ. Mill-att taċ-ċitazzjoni jidher li l-attur appellant qed jippretendi d-danni kwantu għat-tieni talba tiegħu billi, skond hu, kien ħallas għall-kiri ta'

karrozza oħra waqt li kienet miexja l-kawża l-oħra u anke billi l-prezzijiet tal-karrozzi minn Lulju, 1974 (data tal-ftehim fuq imsemmi) u Ġunju, 1979 (data tas-sentenza fil-kawża l-oħra) kienu għolew ħafna. Dawn il-pretensjonijiet ma jaqgħux taħt is-subartikolu (2) fuq iċċitat;

Għandu jiżdied li l-imsemmi Arikolu 1479 tal-Kodiċi Ċivili huwa simili ħafna (iżda mhux identiku) għall-Artikolu 1502 tal-Kodiċi Ċivili Taljan ta' l-1865 li jiddisponi li "*se il veditore conosceva i vizi della cosa venduta, è tenuto, oltre alla restituzione del prezzo ricevuto, al risarcimento dei danni verso il compratore*" u għall-Artikolu 1503 ta' l-istess Kodiċi Ċivili Taljan li jiddisponi illi "*se il veditore ignorava i vizi della cosa, non è tenuto che alla resituzione del prezzo e a rimorsare il compratore delle spese fatte per cause della vendita*";

L-awtur Taljan Ricci, Corso Teorico - Pratico di Diritto Civile, Vol. VII, Capo V, pagine 334, 335 u 336, fil-kommenti tiegħu dwar l-imsemmija Artikoli 1502 u 1503, wara li jgħid li : "*Secondo i principii generali di diritto, il debitore inadempiente è tenuto al risarcimento dei danni che sono una conseguenza della sua colpa, nè queste principii consentirebbero una distinzione tra veditore di buona fede o di mala fede, dappoichè conosca il veditore i vizi occulti della cosa, ovvero li ignori, nell' un caso e nell' altro esso sarebbe sempre in colpa per non avere esattamente adempiuta la sua obbligazione onde dovrebbe sempre rispondere delle consegueze derivanti dall' inadempimento,*" kompla jgħid: "*A questi principii però deroga il legislator patrio se si considerino le disposizioni contenute negli art. 1502 e 1503.*" Iktar tard però jkompli josserva: "*Si rifletta innanzi tutto che non si è completamente derogato ai principii di diritto: imperocchè il rimborso delle spese fatte per*

*causa della vendita, e che è dovuto al compratore dal venditore di buona fede, equivale al risarcimento d'un danno cui l'acquirente si è trovato esposto per causa della vendita*"; u Ricci jkompli jgħid li l-frazi "*spese fatte per causa della vendita*" hija iktar wiesgħa u komprensiva mill-espressjoni "*spese fatte per il contratto*" użata fl-Artikolu 1486 (ekwivalenti għall-Art. 1463 tal-Kodiċi Ċivili tagħna, li juża l-frażi "spejjeż legittimi tal-kuntratt") relattiv għall-garanzija f'każ ta' evizzjoni, u mbagħad jgħaddi biex jikkontempla x'jaqa' taħt l-ewwel frażi;

L-istess distinzjoni jagħmel il-Paċifiċi - Mazzoni, Il Codice Civile Italiano Commentato, Volume Duodecimo, Parte I, Titolo II, Capo 11, Sezione 11, pagina 502, fejn jgħid li l-espressjoni: "*per causa della vendita ........ ha una estensione maggiore della seconda e comprende tutte le spese che costituirebbero nel compratore una perdita che non avrebbe sofferto, ne la vendita avesse avuto per oggetto cosa sana;*"

Il-Baudry - Lacantinerie, Trattato Teorico - *Pratico di Diritto Civile, Della Vendita e della Permuta* - paġna 469, fil-kommenti tiegħu dwar il-frażi fl-Artikolu 1646 tal-Kodiċi Franċiż "*le spese occasionate dalla vendita*", wara li jgħid: "*Che si deve intendere con ciò? Queste sono le spese della vendita e tutte quelle che ne sono una conseguenza diretta: ororari di notaio, diritti di bollo, di registro, di trascrizione, spesa di purgazione d'ipoteche, sia iscritte, sia non iscritte, anche le spese di rilievo della cosa e di trasport presso il compratore. Ma ci sembra che a questo debbono limitarsi le obbligazioni del venditore di buona fede. Egli non deve se non le spese occasionate direttamente dalla vendita*", ikompli josserva:

"*La giurisprudenza è andata più in la*" u dana billi l-

Artikolu 1646 juża l-bażi "*spese occasionate dalla vendita e non le spese della vendita*", u mbagħad jagħti eżempji ta' din il-ġurisprudenza;

Ma jidhirx però li tista tqum kwistjoni simili taħt il-liġi Maltija. Il-kliem fl-Artikolu 1479(2), Kodiċi Ċivili, li jirrigwarda l-każ meta l-venditur ma kienx jaf bid-difett tal-ħaġa, - ċjoè il-kliem "l-ispejjeż li jkollhom x'jqasmu mal-bejgħ" ("*spese della vendita*" fl-Artikolu 1143 tat-*test* antik Taljan) huma ċari u univoċi u jirriferixxu biss għall-ipotesijiet imsemmija mill-Baudry - Lacantinerie hawn fuq iċċitati u ma jistgħux jiġu estiżi, kif ġew estiżi bil-ġurisprudenza estera l-kliem li jinsabu fil-Kodiċi Taljan u fil-Kodiċi Franċiż "*spese occasionate dalla vendita*" liema kliem huma differenti minn dawk fil-liġi tagħna;

Dan l-istudju qasir komparat magħmul mill-Qorti jikkonfermaha fil-konkluzjoni tagħha fuq raġġunta. Jista' jiżdied li l-ġurisprudenza lokali tidher li hija wkoll fis-sens fuq imsemmi. Hekk, per eżempju, fil-kawża "Carmel Borg vs Jacob Souaya *nomine*, Qorti tal-Kummerċ, 1 ta' Ġunju, 1901, Imħallef Paolo Debono, (Kollez. Dec. Vol. XVIII-III-38) ingħad: "*non consta che il convenuto conoscesse il vizio della merce venduta all'attore e quindi, di legge espressa, egli è tenuto di restituire all'attore il prezzo e a rimborsarlo delle spese della venduta e non anche a risarciarle del danno* (Ordinanza N. VII del 1868, Art. 1143)" (Ara ukoll Kollez. Dec. Vol. XXI - I - 409, 414, "Carlo Borg vs. Ernesto Seychell" Qorti ta' l-Appell - President Sir Giuseppe Carbone u Imħallfin Giovanni Pullicino u Anton Micallef - u "Cuschieri vs Spiteri et", 21 ta' Novembru, 1946, Kummerċ, Imħallef Montanaro Gauci Vol. XXXII-II-565;

Ikkunsidrat:

L-attur appellant qiegħed jitlob ukoll li dil-Qorti tirriforma d-deċiżjoni appellata kwantu għall-ewwel talba tiegħu fuq imsemmija. L-ewwel Qorti kienet laqgħatlu din it-talba limitatament għal dak li l-attur appellant ħallas in konnessjoni mad-depożitu tal-karrozza in kwistjoni sad-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni odjerna, ċjoè sas-26 ta' Novembru, 1979, mentri skond l-attur appellant, huwa intitolat li jitħallas sad-data tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti f'din il-kawża u dana in vista ta' l-applikazzjoni tal-prinċipju tal- "*jus superveniens*";

Mill-provi jirriżulta li l-karrozza kienet ġiet iddepożitata permezz ta' ċedola ta' depożitu tas-7 ta' April, 1978 fil-mori tal-kawża l-oħra. Skond il-*praxis curiae* l-karrozza ġiet iddepożitata permezz ta' rċevuta. Jiġifieri, skond dan il-*praxis* il-karrozza ġiet iddepożitata f'idejn terz - Philip Grima - li rrilaxxja riċevuta għaliha li biha obbliga ruħu li jikkonsenja l-karrozza lil min jippreżentalu l-istess irċevuta. Dina l-irċevuta mbagħad ġiet iddepożitata biċ-ċedola fuq imsemmija;

Wara s-sentenza mogħtija fil-kawża l-oħra fit-28 ta' Ġunju, 1979, li biha l-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet ta' l-attur għax-xoljiment tal-ftehim tal-"*hire purchase*" fuq imsemmi tal-karrozza in kwistjoni u għall-kundanna tal-konvenut appellat *nomine* li jirrifondi s-somma lilu mħallsa taħt l-istess ftehim, jirriżulta li fuq rikors tal-konvenut appellat *nomine* l-ewwel Qorti, b'digriet tagħha tal-15 ta' Novembru, 1979, laqgħet it-talba tiegħu biex jirtira l-imsemmija karrozza iżda minn eżami taċ-ċedola fuq imsemmija jirriżulta, kuntrarjament għal dak li jingħad fir-risposta ta' l-appell tal-konvenut appellat *nomine*, li l-irċevuta ddepożitata ma' l-istess ċedola għadha hekk

iddepożitata l-Qorti. Kwindi l-karrozza kienet għadha hekk iddepożitata meta ġiet intentata l-azzjoni odjerna fis-26 ta' Novembru, 1979; hekk ukoll kienet meta nħareġ il-mandat ta' sekwestru fuq talba ta' l-attur appellant kontra l-konvenut appellat *nomine* fis-6 ta' Diċembru, 1979 u hekk għadha sal-lum;

Ikkunsidrat:

Ma jistax ikun hemm kuntrast illi l-konvenut appellat *nomine* huwa responsabbli għall-ispejjes dovuti lid-depożitarju Philip Grima in konnessjoni ma' l-imsemmi depożitu sad-data tas-sentenza fil-kawża l-oħra. Il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut appellat *nomine* huwa ukoll responsabbli għal dawn l-ispejjeż wara l-istess sentenza u dana mhux biss sad-data tad-digriet fuq imsemmi tal-15 ta' Novembru, 1979 iżda anke sas-6 ta' Diċembru, 1979, data ta' l-imsemmi mandat ta'sekwestru, għalkemm wara l-preżentata taċ-ċitazzjoni in vista tal-prinċipju tal-*jus superveniens* billi sa dik in-nhar, kieku l-konvenut appellat *nomine* ħa l-passi opportuni, huwa seta' jirtira l-karrozza mingħand id-depożitarju Grima. Id-diffikoltà li tista' tqum hija dwar il-perijodu wara s-6 ta' Diċembru, 1979 sad-data tas-sentenza appellata, ċjoè sal-15 ta' Marzu, 1984;

Il-Qorti, wara li rriflettiet fit-tul, tasal għall-konkluzjoni li l-ispejjeż tad-depożitarju huma dovuti lill-attur appellant anke a rigward ta' dan l-aħħar imsemmi perijodu u dana għal din ir-raġuni;

Kif jidher min-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut appellat *nomine* qiegħed jgħid li huwa ma huwiex obbligat iħallas xejn mill-ispejjeż tad-depożitarju. Din il-pretensjoni tal-konvenut appellat *nomine* hija ċertament infondata billi

almenu huwa kellu jħallas, skond s-sentenza appellata, l-ispejjeż tad-depożitu sad-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni odjerna u, skond ma ngħad fuq, sad-data tal-preżentata tal-mandat ta' sekwestru;

Il-mandat ta' sekwestru mela, inkwantu kien jirrigwarda l-imsemmija spejjeż kien ġustifikat u l-konvenut appellat *nomine* għalhekk ma jistax jilmenta mill-fatt li hu ġie miżmum milli jirtira l-karrozza minħabba l-imsemmi sekwestru u ma jistax jgħid li huwa mhux responsabbli għall-ispejjeż li saru wara;

Il-pożizzjoni kienet tkun differenti kieku l-konvenut appellat *nomine* offra u ddepożita l-Qorti l-ispejjeż dovuti lid-depożitarju u l-Qorti rriteniet li dan kien l-ammont ta' l-ispejjeż dovut sa dik in nhar għaliex f'dak il-każ il-mandat ta' sekwestru li ma kienx ġustifikat a rigward tal-pretensjoni l-oħra tad-danni, meritu tat-tieni talba, kif fuq ingħad, lanqas kien jibqa' ġustifikat a rigward tal-pretensjoni għall-ispejjeż tad-depożitu u kwindi l-attur appellant kien ikollu tort kieku żammu *in vigore*. Iżda minn dan kollu ma ġara xejn. Il-mandat ta' sekwestru kien ġustifikat *in parte*, ċjoè a rigward l-ispejjeż dovuti lid-depożitarju u l-konvenut appellat *nomine* ma jistax jilmenta la ma ħax il-passi fuq imsemmija;

Għandu jiżdied li dak li qiegħed jiġi mitlub mill-attur appellant bl-ewwel talba ma jistax jiġi kkunsidrat, kif qiegħed jippretendi l-konvenut appellat *nomine*, li jifforma parti mid-danni li sofra u għalhekk kolpit mill-eċċezzjoni minnu mogħtija a rigward it-tieni talba billi jifforma parti mill-ispejjeż li l-attur appellant kellu jinkorri in konnessjoni mal-proċeduri tad-depożitu;

Ikkunsidrat:

Kif jidher mill-petizzjoni ta' l-appell l-attur appellant talab, anke a rigward ta' l-ewwel talba fiċ-ċitazzjoni li dil-Qorti tirrimetti lura l-proċess lill-ewwel Qorti għal-likwidazzjoni ulterjuri ta' dak dovut lilu u kwindi dil-Qorti mhiex sejra tgħaddi biex tillikwida hi stess din is-somma iżda sejra tirrimetti l-proċess lill-ewwel Qorti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tikkonferma s-sentenza appellata billi, kwantu għall-ewwel talba kkontenuta fiċ-ċitazzjoni tilqa' l-appell billi tiddikjara s-somma dovuta lill-attur appellant taħt din l-ewwel talba għandha tiġi llikwidata għall-perijodu mis-7 ta' April, 1978 (data taċ-ċedola tad-depożitu fuq imsemmi) sal-15 ta' Marzu, 1984 (data tas-sentenza appellata) u għalhekk takkolji l-istess l-ewwel talba għas-somma dovuta bħala spejjeż in konnessjoni mad-depożitu tal-karrozza fuq imsemmija għall-imsemmi perijodu u billi, kwantu għat-tieni talba kkontenuta fiċ-ċitazzjoni, tiċħad, għar-raġunijiet fuq imsemmija l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u billi tibgħat lura l-proċess lill-ewwel Qorti għal-likwidazzjoni u kundanna tas-somma dovuta taħt l-ewwel talba skond it-termini ta' din is-sentenza u kwantu għall-kap tal-ispejjeż tiddeċidi illi l-ispejjeż sija ta' l-ewwel istanza sal-lum kif ukoll ta' din l-istanza kwantu għall-ewwel talba, jitħallsu interament mill-konvenut appellat *nomine* u kwantu għat-tieni talba jitħallsu interament mill-attur appellant.